**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10630 – BLACKSTONE / VISTA / CAMPUSLOGIC HOLDINGS)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 142/08)

1. Fis-17 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Blackstone, Inc. ("Blackstone", l-Istati Uniti tal-Amerka)

— Vista Equity Partners Management, LLC ("Vista", l-Istati Uniti tal-Amerka)

— CampusLogic Holdings, Inc. ("CampusLogic", l-Istati Uniti tal-Amerka)

Blackstone u Vista jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' CampusLogic.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' akkwist ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Blackstone: ditta ta' ġestjoni tal-assi globali u investiment,

— Vista: ditta ta' investiment li tiġġestixxi portafoll ta' kumpaniji ffokati fuq li jingħataw is-saħħa u li jitkabbru s-software industrijali, id-data u negozji bbażati fuq it-teknoloġija,

— CampusLogic: fornitur ta' soluzzjonijiet ta' software għal suċċess finanzjarju tal-istudenti lil studenti tal-edukazzjoni ogħla biex jinnavigaw fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-għajnuna fuinanzja f'istituzzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10630 – BLACKSTONE / VISTA / CAMPUSLOGIC HOLDINGS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË